**F'dik it-tbissima hemm int**

Niftakarha t-tbissima tiegħek
Tiġri miegħi kulfejn inkun,
Kemm twennisni, bil-wisq tfarraġni
Il-barka tiegħi hi l-kaġun.

Għax fit-tbissima ħelwa tiegħek
Nilmaħ qalb tad-deheb, kollha ġmiel,
Qalb li taħfer, tħobb u tistabar
B'dak li jkun w li ħadd m'għandu ħjiel.

Ngħożżha u nħobbha dik tbissimtek
Għax lili kemm għamlitli l-qalb,
Qisha qaltli: "Intreħa f'idejh!"
Qratni sewwa donni fit-talb.

Dik tbissimtek mimlija tama
Li tferraħ u tagħti l-kuraġġ,
Għaliex ħarġet minn qalb hekk kbira
B'xemx l-imħabba titfa' raġġ b'raġġ.

Inxandarha irrid tbissimtek
Għaliex aktar ma jgħaddi ż-żmien,
Kemm ngħożżha, donnha l-isbaħ ġawhra
Li tfittixha ma' kullimkien.

Naf li dik it-tbissima safja
Issa tinsab għand il-Mulej,
U minn hemm donnha qed tmixxini
Avolja l-mewġ dejjem ġej ġej.

U meta jkolli bżonn xi ħaġa
Barra li titlob għalija,
Ngħidlek: "Tbissimlu waħda 'l Kristu
Hemm hi l-grazzja għal ġo fija.

Għax tbissimtek kollha imħabba
Nilmaħ kemm ħija iċċekkint,
Nibqa' ngħożżok għal dejjem Godfrey
Għax f'dik it-tbissima hemm int.

Patri Mario Attard OFM Cap
30 t'Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.